KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.3.2007
KUMM(2007) 84 finali

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li l-Komunità se tieħu fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Lebaniża, min-naħa l-oħra**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni mal-Libanu jifforma l-bażi legali għar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Libanu.

2. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006 u jipprevedi l-liberalizzazzjoni gradwali tal-kummerċ u l-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles matul perjodu tranżitorju li ma jaqbiżx it-12-il sena mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. It-twaqqif ta' din iż-żona ta' kummerċ ħieles jikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' l-integrazzjoni tas-sistemi ekonomiċi, istituzzjonali u soċjali tal-pajjiżi msieħba.

3. Il-Ftehim jipprovdi wkoll qafas xieraq għad-djalogu politiku u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni f'materji ekonomiċi, soċjali, kulturali, finanzjarji u monetarji u f'oqsma oħra ta' interess reċiproku.

4. Fl-Artikolu 80 tiegħu, il-Ftehim jipprovdi għall-ħolqien ta' korpi meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu.

5. Twaqqfet struttura istituzzjonali li tikkonsisti f'numru ta' sottokumitati għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet ma' pajjiżi msieħba Ewro-Mediterranji oħra, bħall-Iżrael, il-Marokk, it-Tuneżija u l-Ġordan. Il-proposta preżenti ssegwi l-istess skema u struttura.

6. Il-Libanu huwa dispost li jsaħħaħ il-kooperazzjoni fid-diversi oqsma koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Barra minn hekk, fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-għan huwa li r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Libanu jiżviluppaw f'partenarjat globali b'approċċ koerenti ggarantit minn koordinazzjoni mill-qrib u permanenti bejn id-diversi elementi.

7. B'dan il-ħsieb, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi lill-Kunsill it-twaqqif ta' għaxar sottokumitati biex jgħinu lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u lill-Kumitat fl-implimentazzjoni tal-Ftehim. Dawn is-sottokumitati għandhom jikkunsidraw kwistjonijiet ta' natura teknika li ma jkunux jistgħu jiġu ttrattati b'mod sħiħ fl-ambitu tal-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. L-għaxar sottokumitati jkopru: i) id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u t-tmexxija tajba ta' l-affarijiet pubbliċi, ii) il-kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, iii) l-industrija, il-kummerċ u s-servizzi, iv) is-suq intern, v) il-kwistjonijiet soċjali u l-immigrazzjoni, vi) il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, vii) l-agrikoltura u s-sajd, viii) it-trasport, l-enerġija u l-ambjent, ix) il-kooperazzjoni doganali u t-tassazzjoni u x) ir-riċerka, l-innovazzjoni, is-soċjetà ta' informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kultura.

9. Fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tagħhom, is-sottokumitati jkunu ppreseduti mill-Kummissjoni b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2002. Skond dik id-Deċiżjoni, il-presidenza tas-sottokumitat "Ġustizzja u s-sigurtà" għandha tkun, safejn jirrigwarda lill-UE, skond l-istess regoli li japplikaw għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Meta s-suġġett tad-diskussjoni ma jaqax taħt il-kompetenzi Komunitarji, rappreżentant tal-Presidenza tal-Kunsill jippresiedi l-Kumitat u jirrappreżenta l-pożizzjoni ta' l-Istati Membri. F'każi bħal dawn, madankollu, il-Kummissjoni tkun assoċjata b'mod sħiħ mal-ħidma ta' tħejjija u d-definizzjoni ta' l-għanijiet tal-laqgħat tas-sottokumitati.

10. L-għanijiet tas-sottokumitati, is-suġġetti koperti minn kull wieħed mis-sottokumitati, u l-proċeduri ta’ implimentazzjoni jinsabu fir-regoli annessi ta’ proċedura.

11. Il-Komunità u r-Repubblika Lebaniża għandhom jidħlu bejniethom għall-ispejjeż li jkunu għamlu biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u s-sottokumitati, kemm f''dak li għandu x'jaqsam ma' l-istaff, spejjeż ta' vvjaġġar u għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni. Infiq ieħor relatat ma' l-organizzazzjoni tal-laqgħat għandu jitħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li l-Komunità se tieħu fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Lebaniża, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,[1]

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Lebaniża, min-naħa l-oħra, kien iffirmat fis-17 ta' Ġunju 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006.

(2) L-Artikolu 80 ta' dan il-Ftehim jiddikjara li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li joħloq grupp ta' ħidma jew korp meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju milħuq bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa, u r-Repubblika Lebaniża, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 80 tal-Ftehim, għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni anness ma' din id-Deċiżjoni.

Is-sottokumitati li jridu jitwaqqfu għandhom ikunu preseduti minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. L-Istati Membri għandhom jiġu infurmati dwar il-laqgħat tas-sottokumitati konċernati u għandom id-dritt li jieħdu sehem fihom.

---

[1] ĠU C […], […], p. […].

Rappreżentant tal-Presidenza tal-Kunsill għandu jesprimi l-pożizzjoni ta' l-UE dwar materji li jirrelataw mat-Titoli V u VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tkun involuta b'mod sħiħ fix-xogħol ta' tħejjija u fid-definizzjoni ta' l-għanijiet tal-laqgħat tas-sottokumitati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**<u>Abbozz</u>**

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE/LIBANU

### Li tistabbilixxi s-sottokumitati tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE/LIBANU,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Lebaniża, min-naħa l-oħra,

Billi:

(1) Se tinħoloq żona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u r-Repubblika Lebaniża mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2015,

(2) Ir-relazzjonijiet ta' l-UE mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran qed isiru dejjem iżjed kumplessi minħabba l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet Ewro-Mediterranji u t-tkomplija tal-partenarjat Ewro-Mediterranju,

(3) Twaqqfu sottokumitati tal-kumitati ta' assoċjazzjoni tal-pajjiżi assoċjati l-oħrajn sabiex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-partenarjat u l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni,

(4) Tinħass il-ħtieġa li l-ambjent fil-politika settorjali jkun integrat bil-għan li ssir promozzjoni għall-iżvilupp sostenibbli,

(5) L-Artikolu 80 tal-Ftehim jipprovdi għall-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma jew korpi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-sottokumitati tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE/Libanu elenkati fl-Anness I huma b'dan imwaqqfa u r-regoli ta' proċedura dawk is-sottokumitati fl-Anness 2 huma b'dan adottati.

Dawn għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandhom jirrappurtaw wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom. Is-sottokumitati m'għandu jkollhom ebda setgħa li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu l-miżuri l-oħra kollha meħtieġa biex jiżgura li dawn jiffunzjonaw sewwa u dwar dan jgħarraf lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kif xieraq.

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jwaqqaf aktar sottokumitati jew gruppi jew li jabbolixxi s-sottokumitati jew il-gruppi eżistenti.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

## ANNESS I

## IL-FTEHIM TA' ASSOĊJAZZJONI UE/LIBANU

## SOTTOKUMITATI LI JIDDEPENDU MILL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI

(1) Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u t-tmexxija tabja ta' l-affarijiet pubbliċi

(2) Il-kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji

(3) L-industrija, il-kummerċ u s-servizzi

(4) Is-suq intern

(5) Il-kwistjonijiet soċjali u l-immigrazzjoni

(6) Il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà

(7) L-agrikoltura u s-sajd

(8) It-trasport, l-enerġija u l-ambjent

(9) Il-kooperazzjoni doganali u t-tassazzjoni

(10) Ir-riċerka, l-innovazzjoni, is-soċjetà ta' informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kultura

## ANNESS II

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 1 UE-Libanu**

**Drittijiet tal-bniedem, demokrazija u tmexxija tabja ta' l-affarijiet pubbliċi**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu l-ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) It-tisħiħ tad-demokrazija, it-tmexxija tajba ta' l-affarijiet pubbliċi u l-Istat tad-dritt, inkluża l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja

3(b) Ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ħelsien fundamentali u l-protokolli għal dawn il-konvenzjonijiet. L-implimentazzjoni ta' l-obbligi tal-komunikazzjoni u l-eżaminar tar-riżervi.

3(c) Il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali nazzjonali

3(d) Il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-politika barranija u l-ġestjoni tal-kriżijiet, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali

3(e) Il-kooperazzjoni reġjonali (inkluża l-koordinazzjoni mas-sottokumitati l-oħrajn f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet reġjonali)

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikunu pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 2 UE-Libanu**

**Kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu l-ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Il-politika makro-ekonomika

3(b) Il-politika ekonomika strutturali

3(c) Is-servizzi finanzjarji (aspetti makro-ekonomiċi) u s-swieq tal-kapitali

3(d) Il-movimenti tal-kapitali u l-pagamenti

3(e) Il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż il-kontroll finanzjarju intern fis-settur pubbliku

3(f) Il-pensjonijiet u s-sigurtà soċjali (aspetti ekonomiċi)

3(g) L-istatistika

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikunu pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 3 UE-Libanu**

**Industrija, kummerċ u servizzi**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu l-ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Politika ta' intrapriża u kooperazzjoni industrijali

3(b) Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP

3(c) Kwistjonijiet kummerċjali bilaterali

3(d) Servizzi u investiment

3(e) Tħejjija ta' ftehimiet kummerċjali dwar regolamenti tekniċi, standards u valutazzjoni ta' konformità

3(f) Kooperazzjoni fil-qasam tal-kummerċ elettroniku (*e-commerce*)

3(g) Turiżmu

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikun pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 4 UE-Libanu**

**Is-suq intern**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu l-ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Il-kooperazzjoni leġiżlattiva u l-amministrattiva fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-valutazzjoni ta' konformità

3(b) Il-politika dwar il-kompetizzjoni

3(c) L-appalti pubbliċi

3(d) Id-drittijiet ta' proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali

3(e) Is-servizzi (politika u kwistjonijiet regolatorji)

3(f) Id-dritt ta' stabbiliment, il-liġi tal-kumpaniji

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b’mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista’ tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F’każijiet ta’ urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f’post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta’ żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikun pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 5 UE-Libanu**

**Affarijiet soċjali u ta' l-immigrazzjoni**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu l-ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, inklużi kwistjonijiet dwar id-diżabilità

3(b) Is-saħħa pubblika

3(c) L-opportunitajiet indaqs

3(d) Il-moviment għall-ħaddiema

3(e) Il-politika dwar l-immigrazzjoni

3(f) Il-politika dwar ix-xogħol

3(g) Il-ħarsien soċjali

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikunu pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 6 UE-Libanu**

**Il-Ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu l-ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Il-kwistjonijiet dwar l-immigrazzjoni

3(b) L-Ażil

3(c) L-azzjonijiet speċifiċi biex jikkumbattu t-terroriżmu fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà

3(d) Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar tal-persuni

3(e) Id-drogi

3(f) Ħasil tal-flus, kriminalità finanzjarja u ekonomika

3(g) Kooperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-forzi tal-pulizija

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikun pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 7 UE-Libanu**

**Agrikoltura u sajd**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu l-ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Il-prodotti agrikoli u l-prodotti agrikoli proċessati, inkluż il-kummerċ

3(b) Il-kwistjonijiet sanitarji u fito-sanitarji

3(c) Il-politika agrikola u l-iżvilupp rurali, il-kooperazzjoni reġjonali

3(d) Il-prodotti tas-sajd, inkluż il-kummerċ

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikun pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 8 UE-Libanu**

**Trasport, enerġija u ambjent**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) It-trasport

3(b) L-enerġija

3(c) L-ambjent

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikun pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**Sottokumitat Nru 9 UE-Libanu**

**Kooperazzjoni doganali u tassazzjoni**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Proċeduri doganali ġenerali, nomenklatura tad-dwana, valutazzjoni doganali

3(b) Ir-regoli ta' l-oriġini

3(c) Reġimi tat-tariffi

3(d) Kooperazzjoni Doganali

3(e) Tassazzjoni

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' whud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikun pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.

**Regoli ta' proċedura**

**<u>Sottokumitat Nru 10 UE-Libanu</u>**

**<u>Riċerka, innovazzjoni, soċjetà ta' informazzjoni, edukazzjoni u kultura</u>**

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-sottokumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tal-Libanu. Għandu jkun presedut alternattivament miż-żewġ partijiet. Kull parti għandha taħtar il-president tagħha.

2. Rwol

Is-sottokumitat, bħala forum għal diskussjoni, konsultazzjoni u valutazzjoni, għandu jaħdem taħt l-awtorità u l-gwida tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandu jirraporta wara kull laqgħa. Is-sottokumitat m'għandu ebda setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet imma jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Tematika

Is-sottokumitat għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Pjan relatat ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-oqsma elenkati hawn taħt, fost oħrajn, u għandu jivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward ta' l-għanijiet u l-azzjonijiet identifikati u li sar qbil dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni. Fejn relevanti, għandha tkun diskussa kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Is-sottokumitat għandu jeżamina problemi li jistgħu jqumu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi passi possibbli li jistgħu jittieħdu.

3(a) Ir-riċerka, ix-Xjenza u l-innovazzjoni teknoloġika

3(b) L-edukazzjoni, it-taħrig u ż-żgħażagħ

3(c) Il-kooperazzjoni kulturali

3(d) Is-soċjetà ta' l-informazzjoni

3(e) Il-politika awdjoviżiva

3(f) Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili

Il-lista ta' hawn fuq mhix eżawrjenti u suġġetti oħra jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Is-sottokumitat jista' jiddiskuti kwistjonijiet marbuta ma' qasam wieħed, ma' wħud jew ma' l-oqsma kollha msemmija hawn fuq.

4. Is-Segretarjat

Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Gvern tal-Libanu għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-sottokumitat.

Il-komunikati kollha li jikkonċernaw is-sottokumitat għandhom jitwasslu lis-segretarji. Is-segretarji għandhom ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tas-sottokumitati, u għall-iffissar tad-dati u t-tfassil ta' l-aġendi.

5. Laqgħat

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kulmeta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi, u fil-prinċipju almenu darba fis-sena. Tista' tissejjaħ laqgħa fuq il-bażi ta' talba mill-president ta' xi parti minnhom, imwassla permezz tas-segretarju tagħhom, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasallu talba għal-laqgħa tas-sottokumitat. Meta jkun possibbli, u bi ftehim maż-żewġ partijiet, numru ta' laqgħat tas-sottokumitati jista' jinġema' għal matul diversi ġranet.

F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu jissejħu f'iqsar żmien, basta jkun hemm il-qbil taż-żewġ partijiet. It-talbiet kollha sabiex jissejħu l-laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Kull laqgħa tas-sottokumitat għandha ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat għandhom jissejħu mis-segretarju inkarigat bi qbil mal-president. Qabel kull laqgħa, il-President jingħata tagħrif dwar il-formazzjoni prevista tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tagħhom biex jipprovdu informazzjoni speċifika skond kif mixtieq.

6. L-aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għall-punti biex jiġu inklużi fl-aġenda tas-sottokumitat għandhom jiġu mgħoddija lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Din għandha tiġi mgħoddija mis-segretarju/a inkarigat/a lill-kontraparti tiegħu jew tagħha mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti kollha li dwarhom is-segretarji jkunu rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumentazzjoni supplimentari għandha tasal għand iż-żewġ partijiet għall-anqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jitqiesu materji urġenti, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru sakemm ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Għandhom jittieħdu l-minuti miż-żewġ segretarji u jkunu approvati wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inklużi l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat, għandhom jingħataw mis-segretarji tas-sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitat m'għandhomx ikun pubbliċi u l-minuti rilevanti għandhom ikunu kunfidenzjali.